Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-e-Ġustizzja, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2024.

Bejgħ fl-irkant bil-qorti

Skozja

It-taqsima segwenti tispjega fid-dettall id-dispożizzjonijiet fl-Iskozja fir-rigward tal-qbid tal-proprjetà bħala mezz biex ikunu rkuprati l-flus dovuti.

Fl-Iskozja, il-proprjetà tista' tinqabad bħala mezz biex ikunu rkuprati l-flus dovuti meta dak id-dejn ikun ġie rikonoxxut mill-qrati, u f'xi ċirkostanzi oħra, inkluż meta jkun awtorizzat f'ċerti "dokumenti ta' dejn" formali. Il-proċessi użati għall-qbid tal-proprjetà huma magħrufa bħala **arrestment** (sekwestru, użat biex tkun iffriżata proprjetà tad-debitur iżda li tkun tinsab fil-pussess ta' terzi); **attachment** (mandat ta' sekwestru, użata għall-qbid ta' beni proprjetà tad-debitur u li għandu l-pussess tagħhom); u **exceptional attachment** (mandat ta' qbid eċċezzjonali, użata għall-qbid ta' proprjetà mhux essenzjali miżmuma f' abitazzjoni). F'xi każijiet, il-proċeduri rilevanti jippermettu li l-proprjetà tad-debitur tkun irkantata taħt is-sorveljanza ġudizzjarja.

Il-Parti 2 tad-**Debt Arrangement and Attachment (Scotland) Act 2002** (Liġi tal-Iskozja dwar l-Arranġament tad-Dejn u l-Mandat ta' Sekwestru) tistabbilixxi l-proċess li għandu jkun segwit meta jinħareġ mandat ta' sekwestru tal-beni. Fi żmien 14-il ġurnata minn meta jiġi eżegwit il-mandat ta' sekwestru, ix-xeriff irid jagħmel rapport lill-Qorti tax-Xeriffi. Ladarba jasal ir-rapport, ix-xeriff jista' jagħmel arranġamenti biex l-oġġetti ssekwestrati jitneħħew u jinbiegħu fi rkant pubbliku, li għaliha jrid jattendi x-xeriff sabiex jekk ikun hemm xi oġġetti li jinbiegħu, iniżżilhom fir-rekords flimkien mal-prezz li jinbiegħu bih. Il-flus li jinkisbu mill-bejgħ fl-irkant jistgħu jintużaw sabiex jagħmlu tajjeb għat-tariffi u għall-ispejjeż tax-xeriff, imbagħad jitħallas il-kreditur. Kull dħul żejjed jintradd lura lid-debitur. Jekk l-oġġetti ma jinbigħux, is-sjieda tal-beni tgħaddi għand il-kreditur. Filwaqt li l-irkant ta' kull beni ssekwestrat normalment issir f'kamra għall-irkantijiet, jekk ma jkunx prattiku li dan isir, teżisti dispożizzjoni fl-Att tal-2002 sabiex l-bejgħ fl-irkant isir xi mkien ieħor, għajr fl-abitazzjoni tad-debitur.

Fil-każijiet li fihom il-beni jkunu ġew issekwestrati, u d-debitur ma jkunx iffirma mandat li jagħti permess biex il-beni jkunu rrilaxxati lill-kreditur, il-kreditur, biex jikseb il-proprjetà, irid iressaq **action of furthcoming** (azzjoni li jieħu l-kreditur kontra parti terza) quddiem il-qorti. Action of furthcoming hija rikors lill-qorti biex tawtorizza r-rilaxx tal-beni lill-kreditur li jkun jista' jbigħhom biex jirkupra dak kollu li huwa dovut lilu jew parti minnu.

L-aħħar aġġornament: 30/04/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.